# RITRATTI

## ESSAY TA' EMMANWEL F. ATTARD

'ESSAY' mill-aktar li kont inħobb naqra meta kont għadni student kien fuq il-fotografija, miktuba minn J.B. Priestly. Tant kien impressjonani li wasalt biex napprezzah fi żmien, meta ngħidha kif inħossha, ftit li xejn kont ninnamra mill-ġmiel ta' Letteratura li biha l-Ingliżi għandhom għax jiftaħru. Bħall-kotra l-kbira ta' l-istudenti, l-iżjed dawk kandidati għal xi eżami iebes, ħsiebi kien li ngħaddi l-ewwel u qabel kollox. Fil-qosor, dan Priestly — f'kitba umoristika magħġuna b'sengħa kbira — kollu mbegħren jeħodha qatta bla ħabel kontra din l-imgħarrqa invenzjoni tal-fotografija. Fost l-oħrajn igħid li ... ma jistax ikun li wieħed ikun u jidher naturali meta joqgħod għal ritratt. Min jieħu ritratt — sakemm ma jiġbduhulux għal għarrieda — ikun għamla ta' qabar imbajjad għax lilu nnifsu u lill-oħrajn ikun qed juri faċċata jew xbiha li għandha mnejn xejn ma tkun taqbel mar-realta'. Biċ-ċajt jew bis-sod madankollu, dal-kittieb famuż Ingliż jagħtina ħafna u ħafna x'nixtarru... Ngħiduha kif inhi, ukoll, għandu xi ftit tar-raġun... Imma, hekk sejra d-dinja... la l-fotografija — bir-ritratti li tistendilna bħala tant frott u offerta tagħha — ġiet ivventata, immorru noqogħdu bla għadd minnhom...

Ftit tabilħaqq huma dawk in-nies li ma jissaħħrux wara dawn l-imberkin ritratti — l-aktar ritratti tagħhom stess — u ma jfittxux li jkollhom għadd mhux ħażin minnhom id-dar merfugħa b'għożża ġo xi album sabiħ u li jkun sewa sold jew tnejn. Min ikun fat-tajjeb, min ikun għamel suċċess fil-ħajja għax ikun laħaq f'xi kariga għolja, xi ministri, imħallef — anki sempliċi kavallier jew xi ieħor li bin-negozju jkun stagħna sewwa — ara taħsbu li sejjer jikkuntenta ruħu biss b'ritratti... Mela! Għal wieħed bħal dan pittura taż-żejt — fiha nfisha s-'sultana' tar-ritratti kollha! Hekk imur u xejn anqas, ħalli jkollu xi jdendel fl-aktar post ta' ġieħ fis-'sanctum sanctorum' ta' daru! Il-bniedem minnu nnifsu xi ftit fanfarun... Imma jaħasra tifhmu u .. tagħdru lill-bniedem. Halli niftehmu wkoll — jagħmel sewwa fuq li jagħmel sewwa jżomm kemm jiflaħ ritratti. Ebda ħadd, li jridha ta' modern, ma għandux jara li ma jkollux kamera: dan ngħidu b'wiċċi minn quddiem avolja riklam gratis — bla ebda interess min-naħa tiegħi — lil ħafna stabbilimenti tar-ritratti li għandna Malta u Għawdex jekk mhux Kemmuna wkoll daż-żmien.

Le, le, għiduli ftit, x'hawn isbaħ milli meta nikbru u nibdew immajnaw xi ftit, milli noqogħdu niflu dawk l-imbierka ritratti tagħna, tifkiriet ta' tfulitna u żgħożitna hienja, u ħalli għall-fantasija — dej-

jem fl-aqwa tagħha f'dal-każ — tmur lura lura u titpaxxa timrah fil-'belle epoque' ta' dik ħajjitna l-imgħoddija? Ir-raġel u martu ħarsithom, għajnejhom dawl il-hena, fuq ir-ritratti ta' meta kienu għadhom fil-fjur ta' ħajjithom, meta kienu għadhom namrati, għarajjes, jew f'dawk ta' jum it-tieġ, meta għal dak iż-żmien qasir qasir saltnu — bil-pompa kollha ta' lbies sabiħ, orkestra b'mużika ferrieħa, dwal kbar u qawwija — fuq qrabathom, ħbiebhom, u l-ħaddara kollha. Kemm jitbissmu bil-qalb! Tbissim li jfisser aktar minn kull kliem li jista' jingħad — imħabbithom titkebbes u tħeġġeġ mill-ġdid... Inkella arawh lin-nannu — imsejken, beda jitħatteb xi naqra għax misjur sewwa bis-snin — l-għors tiegħu jara, u juri r-ritratti, bħalu issa musfara, ta' żgħożitu ta' darba lil ulied uliedu. Meta jkun waħdu x'aktarx li jsammar dawk għajnejn miksura u għajjiena u jitpaxxa bihom: bil-kemm jemmen li żmien ilu kien hekk sod u fuq tiegħu, x'waħda din, donnu sfida ħajja liż-Żmien u lill-Mard... Kemm kien iridha b'dak xagħru folt u sabiħ skond il-moda — bla ma jrid imiss b'idejh il-qargħa b'dawk l-erba' żajbriet xagħar li aktar ikerrħuh milli le — u dak il-pass ħafif? U dawk dirgħajh felħana? Fejnhom, jaħasra? Il-ferħ li jħoss dikment jinbidel f'imrar u qalbu tinkiser, imsejken, x'ħin iħares lejn il-mera — ir-ritratt fidil' tal-lum — u jilmaħ il-kruha ta' surtu. Djufitu tal-lum iħossha bħal qatt qabel. Il-passi mkaxkra tiegħu bħal donnhom iħaffu mixjitu lejn xifer il-qabar... X'ingħidu, imbagħad, għan-nanna? Ġmielha ta' dari hemm... hemm qiegħed, bl-iswed fuq l-abjad! X'ma togħxiex tħares lejn ir-ritratti avolja, l-istess bħan-nannu, ftit wara tkemmex xofftejha u ssewwed qalbha meta tiftakar fil-preżent. Dak kien żmien! Tobsru li dik ix-xebba tbiegħ il-ġmiel u s-saħħa kienet l-istess mara, in-nanna tagħna? In-nisa — anki fi xjuħithom xi daqsxejn tal-frugħa, l-istint ewlieni femminil, jibqagħlhom mhux ma jibqagħlhomx, ingħiduha kif inhi... Daħkana daħkana, in-nanna tgħarrafna, li... mhux għal xi ħaġa... anqas biex tiftaħar tafux... imma s-sewwa għandu jingħad, kienet xebba li ġmielha kien iġib il-għira lix-xebbiet l-oħra tar-raħal jew tal-belt... Lix-xbejbiet tal-lum, araw li ma tmorrux iddaħħluha f'raskom, li kienet tagħmlilhom xi għajb għal dak li hu ġmiel, avolja xejn żebgħa fuq il-ħaddejn, ix-xofftejn jew fuq ix-xagħar — ma kinetx tambihom iż-żebgħat ħej! U, u xi kemm-il żagħżugħ marret issaħħar warajha? Din nannitna tissokta tgħidilna li x-xbejbiet tal-lum x'aktarx, fil-fehma fqajra ta' xiħa li hi, ma tantx... għadhom ħelwin u grazzjużi daqs dari, għalhekk ibiddlu elf moda, jiskullaw — eh, fejnha l-modestja daż-żmien? — jinżebgħu qishom maskarati. Dâri, mela, tfajla sabiħa, sabiħa, ma kienx hemm il-ħtieġa ta' ħafna ħmerijiet... Biex inkunu ġusti ma' din nannitna, ħarsa anki maħtufa lejn ir-ritratt ta' żgħo-

żitha turina li ma kinetx qed tħarref għal kollox...

Iż-żgħażagħ tal-lum, m'hemmx għalfejn ngħidu, għandhom il-privileġġ mhux żgħir li jistgħu jitpaxxew bir-ritratti tagħhom, im-żewqa bl-isbaħ ilwien qishom naturali u mirfudin bis-sengħa tal-progress tas-seklu għoxrin, fl-istess waqt li jgawdu persunithom żagħ-żugħa u b'saħħitha. 'Il dawn ftit jiġu ġo rashom li għada pitgħada, jekk Alla jrid, għad jasal fuqhom ukoll żmien in-nannu u n-nanna. Iż-żgħa-żagħ igħixu għal-lum, u joħolmu bil-ġejjieni, fil-waqt li x-xjuħ iħobbu l-iżjed jiftakru u 'jgħixu' f'dik żgħożithom, rebbiegħa li ma jduquha qatt u qatt aktar... Tassew ta' min igħid li r-ritratti tagħna — frott il-preżent u l-imgħoddi — jafu jhennuna u jfarrġuna iżda fl-istess ħin jafu jinfdulna 'l qlubna bħal tant stalletti. Bħall-ulied — għax ir-ritratti tagħna nistgħu wkoll inqisuhom uliedna meta juru lilna stess u jkunu tagħna — iġibulna sew ferħ kemm għali, kif ġa rajna. Imma kif ikollna ngħidu li aħjar ikollna l-ulied darba nkunu miżżewġin, ħalli dawn iħabbtuna u jnikktuna xi ftit, milli ma jkollniex — u nagħ-lu wisq iżjed — hekk ukoll fil-każ tar-ritratti. Jisgħobbina fuq li jis-għobbina jekk ma jkollniex xi ftit minnhom x'naraw, x'niflu u x'nuru fi xjuħitna ħalli wara nimtlew bid-diqa għax li kien għadda u ma jer-ġax jiġi. Mhux kull ħelu fih il-morr jistqarr il-qawl għaref tagħna? Ir-ritratti tagħna jisquna kemm il-ħelu u kemm il-morr, bħal meta nżid ngħid, iġibna koroħ...

Imma sbieħ jew koroh ilium sirna qisna mhux la kemm ngħaddu mingħajrhom, dawn l-imberkin, jew l-imgħarrqin, ta' ritratti, skond kif inħarsu lejhom. Nieħdu s-safar. Hafna u ħafna nies daż-żmien iħobbu jsiefru fis-sajf. Inħalli lilkom tgħiduli tkunx ħasra kbira, u għajb akbar, jekk naħslu nsiefru u ma nieħdux, jew ma jiġbdulnielx, xi erba' ritratti? Igħaddi ż-żmien u nkunu qisna ma sifirna qatt, oqogħ-du fuq kliemi! Insiefru u jekk ma nieħdux daqsxejn ta' kamera magħ-na tkun bluha li ma tinħafirx: qisna nkunu morna għall-kaċċa bla xkubetta jew morna nistadu bla qasba u xlief xejn! Igerrbu s-snin u r-ritratti biss kull ma jkun fadlilna. Ritratti ħelwa, b'kull barka, im-seddqa, li jfakkrulna l-btajjel sbieħ imqattgħa barra minn art twelid-na meta, għal dawk il-ħmistax jew tliet ġimgħat, immorru nilgħabuha tat-turisti u tal-għonja nduru u npappuha tajjeb, alloġġati ġo xi lu-kanda mill-iprem, b''nies kollhom ħlewwa jaqduna u jraħħmulna għax jarawna frustieri — l-aktar jekk inwiżnuhom b'xi frank, deutschmark jew peseta żejda... L-akbar ħsieb ta' xogħol li qabel sifirna tant jas-sarna u li, la nerġgħu lura, għad jissokta jgħakkisna, irridu jew ma rridux... Niftakar li waħda kamriera Taljana — mara għandha dawk l-erbgħin, fuq tagħha mhux daqs għattuqa prima iżda serduq minn dawk, nistħajjel, li kien il-għaxqa tan-nies li jehdew bil-ġlied tas-

sriedek — li wara li tajtha munita ta' mitt lira (minn taghhom, tafux, mhux minn taghna!) ghal xi qadja li ghamlitli, marret iġġib il-kamera taghha — ghax jiena, iblah li kont, ma kontx hadt wahda ghax ma kellix — u sejhet lil habiba taghha u ġagħlitha tiġbdilna ritratt. Min jaf x'sar minnha llum, ghadha f'dik il-lukanda ta' Ġenova tghid? Niehu gost narah u jfakkarni f'dik l-ewwel ġita li mort fl-1965. Kulhadd jiehu gost jarahom u jiftakar. Mhux biss. Nitpaxxew nuruhom lil niesna u lil hbieb u halli ghall-kummentarju ta' lsienna — kemm jaghtiha ż-żejt! "Tarawh dar-ritratt l-iehor? Hadnih hdejn l-imsemmi monasterju Benedittin ta' Montserrat fejn tinsab meqjuma l-Madonna s-Sewda ta' Spanja. U xi tghidilna ghal dan imbaghad? Hawn qeghdin mal-habib Ġermaniż, Herr Nussbaum — ta' min ighid li dan qalilna li kien bdot tal-Luftwaffe u li tul il-gwerra li ghaddiet kien kemm-il darba ġie fuq Malta jitfaghlna l-bombi... Kien ikkmandat jaghmel hekk, miskin... Maghna kien raġel tqatta' u tiekol minnu u tghidux kemm dawwarna bil-karozza tieghu kemm domna l-Ġermanja. Baqa' aktar ritratti x'taraw: f"Ruma fil-Pjazza San Pietru, fi Pjazza Venezja — taht il-famuża gallerija minn fejn Benito Mussolini mar jiddikjara gwerra lill-Ingilterra u lil Franza fl-1940; fi Vjenna, Budapest, Belgrad, eċċ., eċċ." Niehdu ras min ikollu sabar biżżejjed jismaghna... Kollha tifkiriet sbieh mhux nieqsa wkoll minn xi ftit tal-ftahir... iżda ftahir li hadd ma jkollu l-qalb li jseijahlu hekk almenu f'wiċċna... Imbaghad, terġa' u tghid, meta haddiehor imur iżur artijiet ohra u allura min jaf kemm ikollu ċans jiehu ritratti hu... mhux l-istess jibda jlablab u jiftahar xi daqsxejn? Hekk sejrin! Kulhadd jiddaqqaq — min iżjed u min anqas — bir-ritratti tieghu!

Hemm, iżda, ritratti li lil min jarahom ma jġibux hlief diqa ta' qalb u hasra. Irrid nghid ghar-ritratti tal-mejtin li naraw fuq qabarhom nhar il-Ghid ta' l-Imwiet jew li nżommu ġo xi kexxun fi djarna. Kull ghamla ta' ritratti li juru lill-mejtin fil-hafna etajiet taghhom: tfal, żgħażagh, jahasra irġiel u nisa maghmula u xjuh sewwa... Huma min huma u kienu x'kienu ghalihom ilkoll inhossu ghafsa ta' qalb ukoll jekk xi whud minnhom setghu kienu nies bla raj. Il-mewt thassar kull tebgha, kienet x'kienet, kbira kemm hi kbira. Anqas dan ma hu kollox. Dawn in-nies bhalna li qabilna qasmu l-'fruntiera' ta' diddinja — ir-Rubikon eterna — li minnha m'hemm ebda reġgha lura ghal hadd, kien setghani jew ghani kemm kien, idahhluna sew fina nfusna. Xi ritratt milli ghandna... milli nghożżu u mkabbrin bih ghad — min jaf? — 'iżejjen' lil qabarna stess jekk niesna jibqghu jhobbuna u la jiftakru fina x'aktarx, kif naraw fiċ-ċimiterji, ikunu jridu jfakkruna ma' l-ohrajn... Taghlima ċkejkna hi mhux mhix lokha hawn: infittxu li nghixu sewwa, naghmlu l-ġid mhux il-hsara lill-

proxxmu għax ma jkunux ritratti fuq l-oqbra tagħna... u flimkien mat-talb ta' niesna u ħbiebna tinżel xita ta' tmaqdir u saħtiet imsieħeb minn ħars ikrah minn naħa ta' min inkunu f'ħajjitna weġġajna. Nifthu għajnejna, inkella nħallu fit-testment li ma rridu xejn ritratti fuq l-oqbra tagħna...

Tassew ikunu ta' siwi kbir jekk ir-ritratti tagħna jkunu bħal tant sejħiet biex jitolbu għalina lill-Mulej. Iżda mhux dan is-siwi kbir biss għandhom. Għandhom siwi ieħor, tassew prattiku fil-ħajja. Kemm, ngħidu aħna, igħinu r-ritratti fil-kotba ta' l-istorja, fil-ġurnali jew rivisti? Minn xi daqqiet wieħed jasal biex jistaqsi x'siwi jkollhom dawn ta' l-aħħar jekk il-kronaki tal-ġrajjiet ma jkunux imsieħba wkoll minn ritratti tal-kbarat li jiddeċiedu l-mixja ta' l-istorja, jew oħrajn ta' inċidenti storiċi bħal battalji, irvellijiet, assassinji, diżgrazzji ta' kull xorta u elf ħaġa oħra? Għax aħna, ħafna drabi, nibqgħu bħat-tfal ukoll la nikbru: ktieb, gazzetta bla ritratti jew almenu stampi( li huma 'ritratti' mpinġija bl-idejn) ftit li xejn, jista' jagħti l-każ jinteressana. Tassew li jkollna nistqarru li l-istudju ta' l-istorja, ngħidu aħna, kien jitlef ħafna mill-effett tiegħu kieku l-kotba kellhom ikunu bla xejn ritratti, xbiħat, pitturi jew stampi. L-għajnejn ta' min jaqra jew jistudja bħal iridu sehemhom ukoll u huma jgħinu mhux ftit lill-moħħ biex jifhem u japprezza iżjed meta jaraw lil dawn jew lil dawk l-istatisti, l-imġieba tan-nies u lbieshom fit-tali perijodu ta' l-istorja.

Huwa minnu tabilħaqq, kif rajna, li r-ritratti jqanqlu fina ħafna emozzjonijiet ta' ferħ, swied il-qalb kif ukoll iġeddulna l-memorja u jgħallmuna. Iżda, bla xejn dubju, kif naraha jien, l-agħar ritratti huma dawk li, irridu jew ma rridux, ikexkxuna. Jekk noqogħdu naħsbu għandhom tassew għax iwaħħxuna. Qed nirriferi speċjalment għal ritratti li għandhom x'jaqsmu ma' assassinji politiċi. Għadna qisna qed naraw, fost l-oħrajn, lil dak Prinzip li mar joqtol lill-Arċiduka Franġisku Ferdinandu u lil martu, l-Arċidukessa Sofija, ta' l-Awstrija — delitt li wassal għall-Ewwel Gwerra Dinjija — jiġi arrestat ftit tal-ħin biss wara l-fatt; jew lir-Re Alessandru tal-Jugoslavja maqtul f'Marsilja waqt li kien fil-karozza mal-Ministru Franċiż, M. Barthou. Fi żmienna nsibu l-assassinji li kważi rajnihom jiġu taħt għajnejna permezz tat-televiżjoni, bħal ta' l-aħwa l-kbar, John u Robert Kennedy u ta' Dr. Martin Luther King, difensur tal-jeddijiet tas-Suwed fl-Amerika. Ritratt ieħor li laqatni ħafna juri lil dittatur, Abdul Karim Kassem, President ta' l-Iraq — li kien ħa s-setgħa wara kolp ta' l-istat fl-1958 li ma' tulu r-Re u l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien flimkien ma' ħafna oħrajn ħallsu l-laħam — mitfugħ mejjet f'rokna bħal bhima f'biċċerija kien imiss lilu, ittradut u maqtul minn sħabu stess ta' l-armata, ħames snin biss wara! Imma, ikolli ngħid, l-aktar ritratt

li mpressjonani huwa wieħed li jiena ċert ftit huwa magħruf f'pajjiżna. Mexxej Soċjalist Ġappuniż, ċertu Asanuma — la naf fl-1964 anqas fl-1965 iżda xi ħaġa hekk — ikun qiegħed ikellem folla kbira ġewwa misraħ ta' pajjiżu waqt 'meeting' li l-importanza tiegħu dehret ċara la t-televiżjoni ta' hemmhekk kienet qed tkopriħ. Hin minnhom jitla' wieħed żagħżugħ, għadu fanatiku tal-kelliemi, u quddiem kulħadd u quddiem makna televiżiva, deher joqtol lil Asanuma bid-daqqiet tas-sikkina. Kien hemm biss ħin li t-televiżjoni turi x'inhu jsir — ma kienx hemm ħin li jżommu lill-qattiel! Ma nistax ninsa l-ħarsa fuq wiċċ Asanuma dak il-mument. Fuqha biss — kif dehret fuq ir-ritratt televiżiv u wara fuq il-ġurnali — wieħed jista' jikteb artiklu sħiħ. Ħarsa kollha għaġeb, uġigħ, u niket bla tarf. Stħajjiltu jrid igħid, għalkemm bla xejn kliem, "Kif? Għaliex? Hekk kellu jkun? Kien miktub li għandi nintemm b'dal-mod kiefer, quddiem kulħadd, hekk ħesrem ħesrem?" L-aħħar espressjoni ta' wiċċu żgur li kienet issarraf aktar minn hekk ukoll: "Kollox intemm għalija tabilħaqq... kollox kollox... snin twal ta' ħidma politika għall-ideal tiegħi, tant tamiet, ħolm u xewqat li xi darba nrieġi 'l pajjiżi taru bħal duħħan, taru bħalma ruħi qed ittir minn ġo ġismi mmewwet bl-uġigħ... B'idejh magħfusa ma' sidru jħammar b'demmu jbaqbaq frisk ħassu fl-istess waqt iddisprat u msabbar mad-destin li kien qed jamarlu jitlaq u jħalli kollox. Ħsibijiet ta' dix-xirta għaddew minn moħħi meta rajt ir-ritratt tat-televiżjoni Ġappuniża. Kien ritratt li fih innifsu jgħid ġrajja sħiħa ta' bniedem. Fil-fehma tiegħi, nerġa' ngħid, anqas il-qtil tal-President John Kennedy ma kien impressjonanti daqs dak — apparti l-fatt li Kennedy kien wisq u wisq aktar magħruf minn Asanuma — għar-raġuni li minn fuq it-televiżjoni lill-President Amerikan rajnih biss jaqa' għal ġol-karozza miftuħa li kien fiha, midrub fatalment minn tir ġej minn xkubetta u minn post li ma stajniex naraw. Wiċċ Kennedy ma rajnihx sewwa mill-ewwel u meta stajna narawh kien, imsejken, ġa mejjet jew kważi. Kellha tkun din l-invenzjoni tal-għaġeb — it-televiżjoni — li tagħti sura aktar perfetta u ħajja lir-ritratti.

Naħseb li ġieli nnotajtu li meta ritratt jinzerta jkun ta' xi ħadd minn niesna jew ħbiebna li, b'xorti ħażina, jkun miet b'xi disgrazzja dan aktar jimpressjonana minn dawk ta' oħrajn li jkunu mietu naturali. Ma nkunux nistgħu naqilgħu għajnejna minn fuqu... Bla ma rridu ħarsitna tiltaqa' ma' ħarset il-mejjet u nidħlu ġo qoxortna, nitkexkxu u bħal kesħa sserrep max-xewka ta' daharna u demmna jiksaħ. Nitwerwru biss bil-ħsieb — ħafif u tal-biża' daqs leħħa ta' sajjetta — li lilna wkoll tista' xi darba, Allaħares qatt, tmissna xorti hekk kiefra.

Kollox għad irid isib tmiemu. Fost il-ħafna ħwejjeġ jew postijiet li aħna nħobbu jew ngħożżu bħal djarna, għamara, deheb, fidda, ġawhar u mitt ħaġa oħra, x'aktarx li jkun l-imsejken ġisimna mill-ewwel li jmur jitmermer u jispiċċa... Għalxejn inkunu ħadna tant ħsiebu, tmajnih ikel bnin u sqejnih xorb fin, ħsilnih u dliknih, libbisnih ħwejjeġ iqumu l-flejjes sbieħ... għax jiġi jum li fih jintelaq għal kollox u għal dejjem. Ibeżża' li! min jarah. Jasal żmien ukoll meta anqas għadamna ma jibqa' għax isir trab — trab bħal ta' kull bniedem ieħor... bħal kull trab ieħor li jimla t-toqob ta' l-art kif qal tajjeb Shakespeare fil-'Hamlet'. Jista' jagħti l-każ ukoll li żmienna nkunu ilna sewwa li għamilnih u ħadd ħadd ma jkun baqa' min jiftakar fina; id-dixxendenti tagħna jibdew igħodduna ma' 'dawk', l-antiki, l-antenati tagħhom, 'Missirijiethom' — nies għeżież ta' memorja mbierka kemm tridu, iżda li ma jkun jafna ħadd... Mhux bilfors meta minna u minna tagħna ma jkun għad fadal xejn? Imma żommu daqsxejn! Mela ma jkunx fadal, x'jiġifieri?! Iva, bil-ħaqq, jaf ikun baqa' għadd sewwa ta' ritratti milli konna ħadna jew ħadulna! Tassew li jafu jkunu sofor u tant mitfija li ħarira ningħarfu. Imma b'daqshekk? Hemm, hemm inkunu! Aħna, dawk li r-ritratti tagħna juru, inkunu ilna neżistu birruħ biss. Iżda l-fatt huwa li kieku ma kinux ir-ritratti dawk li jiġu warajna anqas biss idea ma jkun jista' jkollhom ta' x'għamla ta' nies konna aħna, 'missirijiethom'.

Tal-għaġeb dawn ir-ritratti! Tant għandhom ċerta qawwa misterjuża r-ritratti li, jekk ikolli ngħid — għalkemm din hija ħaġa li la jien u anqas ħadd ma qatt jista' jipprovaha — l-erwieħ tal-mejtin nafu insibuhom x'aktarx iħufu fil-lok fejn ikun hemm ir-ritratti jew ix-xbihat tagħhom. Wara kollox, il-wiċċ, f'ritratt, xi jkun ħlief xbiha jew għamla b'xi mod misterjuż tar-ruħ ta' min ikun jew tkun? Ir-ritratti tal-mejtin kollha, l-aktar dawk li kienu qrabatna jew ħbiebna jew ta' l-anqas konna nafuhom, b''xi mod li mhux lakemm jitfisser, għandhom il-ħila li jgħaddu ċerti messaġġi lil min jarahom: siekta iżda elokwenti. Sakemm jibqgħu jeżistu r-ritratti tagħna u jingħarfu, l-erwieħ tagħna jibqgħu jibagħtu messaġġi bħal dawn lil ta' warajna. Iżda, meta fl-aħħar nett jintemmu huma wkoll, allura, jisgħobbija ngħidilkom, illi x'aktarx li nkunu ħallejna għal kollox din l-art li tant inħobbu għalkemm tisqina bosta mill-kus morr tagħha... Anqas l-iċken sinjal li darba, darba... konna neżistu, jekk almenu ma nkunux għamilna isem għalina f'xi fergħa ta' l-arti jew xjenza.